16.11.2023 A9-0319/472

**Emenda 472**
**Miapetra Kumpula-Natri, Mauri Pekkarinen, Elsi Katainen, Robert Hajšel, Pirkko Ruohonen-Lerner, Rovana Plumb, Eero Heinäluoma, Teuvo Hakkarainen, Dan Nica, Henna Virkkunen, Nicola Danti, Petri Sarvamaa, Mercedes Bresso, Patrizia Toia, Martin Hlaváček, Nicola Procaccini, Pietro Fiocchi, Raffaele Stancanelli, Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Chiara Gemma, Vincenzo Sofo, Franco Roberti, Heléne Fritzon, Francesca Peppucci, Ilan De Basso, Massimiliano Salini, Marek Paweł Balt, Alessandra Mussolini, Stefania Zambelli, Erik Bergkvist, Lara Comi, Fulvio Martusciello, Tsvetelina Penkova, Ulrike Müller, Lucia Vuolo**

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) "imballaġġ kompost" tfisser unità tal-imballaġġ magħmula minn żewġ materjali differenti jew aktar, minbarra l-materjali użati għat-tikketti, għall-għeluq u għall-issiġillar, li ma tistax tiġi sseparata manwalment u għalhekk tifforma unità integrali waħda; | (19) "imballaġġ kompost" tfisser unità tal-imballaġġ magħmula minn żewġ materjali differenti jew aktar, minbarra l-materjali użati għat-tikketti, ***għall-kisi, għall-kisi minn ġewwa, għall-verniċi, għaż-żebgħa, għal-linek, għall-adeżivi, għal-lacquers***, għall-għeluq u għall-issiġillar ***li jagħmlu parti mill-piż tal-materjal tal-imballaġġ ewlieni***, li ma tistax tiġi sseparata manwalment u għalhekk tifforma unità integrali waħda***, sakemm materjal partikolari ma jkunx jikkostitwixxi parti insinifikanti mill-unità tal-imballaġġ u fl-ebda każ ma jkun aktar minn 10 % tal-massa totali tal-unità tal-imballaġġ***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Biex tittejjeb iċ-ċertezza legali, għandu jiġi ċċarat fid-definizzjoni ta' "imballaġġ kompost" li l-kisi, il-kisi minn ġewwa u l-verniċi għandhom jitqiesu bħala parti mill-piż tal-materjal tal-imballaġġ ewlieni u għalhekk ma għandhomx jitqiesu bħala kostitwenti ta' imballaġġ kompost. Id-definizzjoni proposta hija konformi ma' dik imressqa fl-opinjoni tal-Kumitat AGRI (Emenda 68).*

16.11.2023 A9-0319/473

**Emenda 473**
**Miapetra Kumpula-Natri, Mauri Pekkarinen, Elsi Katainen, Robert Hajšel, Pirkko Ruohonen-Lerner, Rovana Plumb, Eero Heinäluoma, Teuvo Hakkarainen, Dan Nica, Henna Virkkunen, Nicola Danti, Petri Sarvamaa, Mercedes Bresso, Patrizia Toia, Martin Hlaváček, Nicola Procaccini, Pietro Fiocchi, Raffaele Stancanelli, Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Chiara Gemma, Vincenzo Sofo, Franco Roberti, Heléne Fritzon, Francesca Peppucci, Ilan De Basso, Massimiliano Salini, Marek Paweł Balt, Alessandra Mussolini, Stefania Zambelli, Erik Bergkvist, Lara Comi, Fulvio Martusciello, Tsvetelina Penkova, Ulrike Müller, Lucia Vuolo**

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 60a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(60 a) "imballaġġ tal-plastik" tfisser imballaġġ li jkun magħmul totalment jew b'mod predominanti mill-plastik;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għal finijiet ta' konformità mal-miri minimi tal-kontenut riċiklat fl-imballaġġ tal-plastik proposti fl-Artikolu 7 kif ukoll mar-restrizzjonijiet fuq l-imballaġġ stabbiliti fl-Artikolu 22, il-proposta għal Regolament għandha tiġi kkomplementata bl-introduzzjoni ta' definizzjoni ta' "imballaġġ tal-plastik". Id-definizzjoni proposta hija konformi ma' dawk imressqa fl-opinjonijiet tal-Kumitat ITRE u tal-Kumitat AGRI (Emenda 6 u emenda 77 rispettivament).*